MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 1097/2006

Socjeta’ Filarmonika Stella Maris kif debitament rapprezentata mill-President, Segretarju u Kaxxier.

Vs

John Cardona (Id. 687960M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma globali ta’ tmien mija, hamsa u disghin lira Maltin (Lm895.00) rapprezentanti s-segwenti: Lm100 - hlas dovut ghall-kera tal-bar tal-istess socjeta’ ghax-xahar ta’ Awissu 2006; Lm100 – hlas dovut ghall-kera ghax-xahar ta’ Settembru 2006; LM45 – kont pendenti ta’ l-ilma; Lm150 - pagament annwali ghall-festa kif stipulat f’artikolu 2 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni bejn il-partijiet datat 5 ta’ Lulju 2005. In oltre, l-konvenut kiser diversi kondizzjonijiet tal-kuntratt citat u ghaldaqstant ghandu jhallas is-somma ta’ Lm500 skond

dak stipulat fl-artikolu 8 tal-istess kuntratt. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-mandat ta' Qbid 3316/06JVAipprezentat fil-5 ta' Dicembru 2006, u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghax huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) illi ghal dak li jikkoncerna l-kera dovuta ghax-xahar ta' Awissu ghandu jinghad li dawn huma mhallsa u mhux dovuti; (iii) illi ghal dak li jikkoncerna l-kera ghax-xahar ta' Settembru dawn mhux dovuti ghax il-lokazzjoni giet terminata unilateralment mis-socjeta' attrici; (iv) illi l-kontijiet tal-ilma huma mhallsa; (v) illi l-pagament annwali ghall-festa mhux dovut stante illi l-istess socjeta' hassret id-disco; (vi) illi l-konvenut m'ghandux ihallas penali peress li ma kiser l-ebda parti tal-kuntratt *de quo*.

Sema' x-xhieda ta' Luke Vella prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Lino Zahra prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Falzon prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Silvio Falzon prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda tal-konvenut John Cardona

Sema' x-xhieda ta' Carmen Magro prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat tas-socjeta' attrici.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi permezz ta' kuntratt iffirmat minnu stess, il-konvenut kien kera l-bar tas-scojeta' attrici ghall-perjodu bejn il-5 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Dicembru 2006. Fuq dan l-istess kuntratt kienu deheru wkoll minn-naha tas-socjeta' attrici, s-segretarju w t-tezorier tal-istess socjeta' attrici. Illi ghal diversi ragunijiet pero, s-socjeta' attrici kienet itterminat il-kera fl-ahhar ta' Settembru tas-sena 2006, u fil-fatt il-konvenut minn rajh qabad u telaq mill-bar ftit jiem qabel l-ahhar ta' Settembru 2006. Illi s-socjeta' attrici ghamlet kalkolu ta' dak kollu li kien ghadu dovut mill-konvenut, u waslet ghall-ammont ta' Lm895 kif mitluba fil-kawza, izda peress li l-konvenut ma hallasx dak mitlub minnu, kellha ssir din il-kawza.

Illi l-ammont ta' Lm895.00 li qed titlob is-socjeta' attrici minghand il-konvenut huwa maqsum f'hames ammonti separati lkoll dovuti ghal xi raguni partikolari. Ghalhekk, it-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti ser jghaddi biex jezamina kull ammont separatament sabiex jiddeciedi jekk huwiex dovut jew le.

Fl-ewwel lok, is-socjeta' attrici qed titlob l-ammont ta' Lm100 bhala kera tal-bar in kwistjoni ghax-xahar ta' Awissu 2006. Kemm is-segretarju tas-socjeta' attrici, kif ukoll it-Tezorier u l-President tal-istess, lkoll ikkonfermaw illi l-konvenut ma kienx hallas kera ghax-xahar ta' Awissu 2006. Fil-fatt ix-xhud Silvio Falzon li dak iz-zmien kien it-Tezorier tas-socjeta' attrici, kkonferma illi l-ahhar kera li thallset mill-konvenut kienet dik ta' Lulju tas-sena 2006.

Ix-xhud Lino Zahra ikkonferma illi skond hu l-konvenut kien dejjem hallas il-kera sakemm huwa zamm il-kariga ta' segretarju tas-socjeta' attrici. It-Tribunal pero josserva li harigx car fix-xhieda tieghu sakemm effettivament zamm din il-kariga, u ghalhekk ix-xhieda tieghu ma tistax tigi kkunsidrata bhala konferma illi l-kera tax-xahar ta' Awissu 2006 giet effettivament imhallsa.

Minn-naha tieghu, l-konvenut xehed illi huwa kien hallas il-kera fix-xahar ta' Awissu 2006 f'kontanti u li kien hallasha lit-Tezorier Silvio Falzon li pero ma kienx tah rcevuta ghal

dan il-hlas. Ix-xhud Carmen Magro, li kienet tghin lill-konvenut biex jiggestixxi l-bar, xehedet illi din il-kera kienet thallset lill-Silvio Falzon.

Fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici hija ferm izjed kredibbli minn dik tal-konvenut u tax-xhud tieghu. Meta l-konvenut gie mistoqsi kif kienet ir-relazzjoni bejnu u l-kumitat tas-socjeta’ attrici dak iz-zmien, huwa xehed testwalment hekk:- ‘*Naqbel illi f’Awissu kien hemm diga argumenti ghaddejjin bejni u bejn il-kumitat*’. M’hu xejn verosmili li l-konvenut hallas il-kera permezz ta’ kontanti u ma nsistix li jinghata rcevuta meta kien jaf illi jezistu l-problemi bejniethom. Oltre dan, it-Tribunal josserva illi ma sar l-ebda kontro ezami tax-xhud Silvio Falzon sabiex jigi determinat jekk verament dan thallas il-kera ta’ Awissu minghand il-konvenut, u sabiex jigi determinat ghalfejn fil-kaz ma nharget l-ebda rcevuta. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-ammont ta’ Lm100 ghall-kera ta’ Awissu 2006 ghadu fil-fatt dovut mill-konvenut.

Fir-rigward tal-kera tax-xahar ta’ Settembru 2006, terga ssir referenza ghax-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici li din ma thallsitx. Oltre dan, il-konvenut stess jammetti li huwa ma hallasx din il-kera. Ir-raguni moghtija mill-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, ghaliex huwa ma hallasx dan l-ammont, hija ghal kollox bla bazi ghaliex se mai l-kera kellha tigi terminata fl-ahhar ta’ Settembru 2006, u jekk il-konvenut ghazel minn rajh li jitlaq qabel, din tibqa ghazla tieghu biss, u ma tezonerahx mill-hlas tal-kera ghal dak ix-xahar. Ghalhekk anki dan l-ammont jirrizulta li huwa dovut mill-konvenut.

Fir-rigward ta’ l-ammont ta’ Lm45 bhala kont pendenti ta’ l-ilma, l-konvenut xehed testwalment hekk:- ‘*Naqbel illi l-ahhar kont tad-dawl u l-ilma jiena ma hallastux. Jiena ma hallastx dawn il-kontijiet ghax jiena nsostni illi ghandi niehu minghand is-socjeta’ attrici u cioe fis-sens illi ghandi niehu ghal drinks illi hadu l-bandisti bhal birra u luminati.*’ It-Tribunal josserva illi apparti li din hija skuza fjakka, hija wkoll allegazzjoni li mhux biss ma saret l-ebda prova

dwarha, izda lanqas biss sar xi tentattiv da parti tal-konvenut sabiex jipprovaha. Ghalhekk fuq ammissjoni tal-konvenut stess, dan l-ammont huwa dovut minnu.

Fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm150 mitlub mis-socjeta' attrici skond il-klawsola 2 tal-kuntratt ta' kiri, huwa car illi dan l-ammont kien dovut mill-konvenut kull sena meta tasal il-festa tar-rahal. It-Tribunal jidhirlu li l-problemi li nqalghu fir-rigward tad-'disco' li organizza l-konvenut, m'ghandhom x'jaqsmu xejn, ghaliex jidher car mill-kuntratt stess, li dan l-ammont ma kienx marbut la ma xi disco u lanqas ma xi kwistjoni ohra, imma sempliciment mal-fatt illi fiz-zmien tal-festa, l-konvenut kellu jhallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici. Ghalhekk dan l-ammont ukoll jidher li huwa dovut mill-konvenut.

Fl-ahharnett, dwar il-penali ta' Lm500 mitluba mis-socjeta' attrici, skond l-artikolu 8 tal-kuntratt ta' kera, t-Tribunal josserva illi s-socjeta' attrici tat tlett ragunijiet principali ghalfejn dan l-ammont sar dovut. Li hu zgur huwa illi tali ammont kellu jsir dovut jekk il-konvenut kisser '*xi kundizzjoni tal-kuntratt'*, u ghalhekk anki raguni wahda kienet tkun bizzejjed u valida sabiex is-socjeta' attrici titlob tali penali minghand il-konvenut.

It-Tribunal jidhirlu illi r-raguni li l-konvenut ma kienx izomm il-bar nadif ma gietx ippruvata mis-socjeta' attrici, u ghalhekk din ir-raguni m'hijiex valida sabiex is-socjeta' attrici titlob tali penali. Minn-naha l-ohra, huwa car illi l-konvenut kiser izjed minn kundizzjoni wahda tal-kuntratt. Fil-fatt fuq ammissjoni tieghu stess ma kienx jiftah il-bar fil-hin stipulat, u kien tardiv fil-hlas tal-kera, u sahansitra ma kienx hallas il-kera ta' l-ahhar xahrejn. Ghalhekk is-socjeta' attrici, kienet altru milli gustifikata meta wara diversi tentattivi sabiex tigbor dak li kien dovut lilha, ddecidiet li timponi l-penali li kellha kull dritt li timponi skond il-kuntratt stess.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn u erba u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€2084.79), bl-

imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------